# Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

17 ta' Jannar 2012*

"Sigurtà soċjali tal-ħaddiema migranti — Regolament (KEE) Nru 1408/71 — Ħaddiem impjegat fuq pjattaforma għall-estrazzjoni tal-gass li tinsab fuq is-sikka kontinentali maġenb il-Pajjiżi l-Baxxi — Assigurazzjoni obbligatorja — Rifjut tal-ħlas ta' allowance ta' inkapaċità għax-xogħol"

Fil-Kawża C-347/10,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mir-Rechtbank Amsterdam (il-Pajjiżi l-Baxxi), permezz ta' deċiżjoni tal-5 ta' Lulju 2010, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-8 ta' Lulju 2010, fil-proċedura

**A. Salemink**

vs

**Raad van bestuur van het Uitvoeringsinstituut werknemersverzekeringen,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn V. Skouris, President, A. Tizzano, J. N. Cunha Rodrigues, K. Lenaerts u J.-C. Bonichot, Presidenti ta' Awla, R. Silva de Lapuerta, K. Schiemann (Relatur), E. Juhász, G. Arestis, D. Šváby u M. Berger, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: P. Cruz Villalón,

Reġistratur: L. Hewlett, amministratur prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-14 ta' Ġunju 2011,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal A. Salemink, minn R. E. Zalm, jurist,

— għar-Raad van bestuur van het Uitvoeringsinstituut werknemersverzekeringen, minn I. Eijkhout, bħala aġent,

— għall-Gvern Olandiż, minn C. M. Wissels u M. Noort, bħala aġenti,

— għall-Gvern Grieg, minn S. Vodina u E.-M. Mamouna, kif ukoll minn G. Karipsiadis, bħala aġenti,

— għall-Gvern Spanjol, inizjalment minn B. Plaza Cruz, sussegwentement minn S. Centeno Huerta, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn M. van Beek u V. Kreuschitz, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-8 ta' Settembru 2011,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: l-Olandiż.

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 39 KE u 299 KE kif ukoll it-Titoli I u II tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71, tal-14 ta’ Ġunju 1971, dwar l-applikazzjoni tal-skemi tas-Sigurtà Soċjali għal persuni impjegati, għal persuni li jaħdmu għal rashom u għal membri tal-familji tagħhom li jiċċaqilqu fi ħdan il-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 35) fil-verżjoni emendata tiegħu u aġġornata bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 118/97, tat-2 ta’ Diċembru 1996 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 3), kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1606/98, tad-29 ta’ Ġunju 1998 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 308, iktar ’il quddiem ir-“Regolament Nru 1408/71”).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta’ kawża bejn A. Salemink, ċittadin Olandiż li ħadem fuq pjattaforma għall-estrazzjoni tal-gass li tinsab fuq is-sikka kontinentali maġenb il-Pajjiżi l-Baxxi u li huwa residenti fi Spanja, u Raad van bestuur van het Uitvoeringsinstituut werknemersverzekeringen (Bord tad-Diretturi tal-Istitut li jamministra l-assigurazzjoni għall-impjegati) dwar ir-rifjut ta’ dan tal-aħħar li jagħtih allowance ta’ inkapaċità għax-xogħol.

### Il-kuntest ġuridiku

*Id-dritt internazzjonali*

3 Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar, iffirmata f’Montego Bay (il-Ġamajka) fl-10 ta’ Diċembru 1982, li daħlet fis-seħħ fis-16 ta’ Novembru 1994, li ġiet irratifikata mir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi fit-28 ta’ Ġunju 1996 u approvata f’isem il-Komunità Ewropea permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/392/KE tat-23 ta’ Marzu 1998 (ĠU L 179, p. 1), iktar ’il quddiem il-“Konvenzjoni dwar il-Liġi tal-Baħar”) fl-Artikolu 60 tagħha intitolat “Gżejjer artifiċjali, stallazzjonijiet u strutturi fiż-żona ekonomika esklussiva” tipprovdi li:

“1. Fiż-żona ekonomika esklussiva, l-Istat kostali għandu jkollu d-dritt esklussiv li jibni u li jawtorizza u jirregola l-kostruzzjoni, l-[espl]oprazzjoni u l-użu ta”:

(a) gżejjer artifiċjali;

(b) stallazzjonijiet u strutturi għall-iskopijiet li hemm provvediment dwarhom fl-Artikolu 56 u għal skopijiet ekonomiċi oħrajn;

(ċ) stallazzjonijiet u strutturi li jistgħu ifixxklu fl-eżerċitar tad-drittijiet ta’ l-Istat kostali f’dik iż-żona.

2. L-Istat kostali għandu jkollu l-ġurisdizzjoni esklussiva fuq dawk il-gżejjer artifiċjali, stallazzjonijiet u strutturi, inkluża l-ġurisdizzjoni fir-rigward tal-liġijiet u r-regolament doganali, fiskali, tas-saħħa, tas-sigurtà u ta’ l-immigrazzjoni.

[…]”

4 L-Artikolu 77 tal-Konvenzjoni dwar il-Liġi tal-Baħar intitolat “Id-drittijiet ta’ l-Istat kostali fuq is-sikka kontinentali” jipprovdi li:

“1. L-Istat kostali jeżerċita fuq is-sikka kontinentali drittijiet sovrani għall-iskop ta’ l-esplorazzjoni tagħha u ta’ l-esplojtazzjoni tar-riżorsi naturali tagħha.

2. Id-drittijiet msemmija fil-paragrafu 1 huma esklussivi fis-sens li jekk Stat kostali ma jesplorax is-sikka kontinentali jew ma jutilizzax ir-riżorsi tagħha, ħadd ma jkun jista jidħol għal dawn l-attivitajiet mingħajr il-kunsens espliċitu ta' l-Istat kostali.

3. Id-drittijiet ta' l-Istat kostali fuq is-sikka kontinentali ma jiddependux mill-okkupazzjoni, effettiva jew mistħajjla, jew fuq xi proklama espressa.

[...]"

5 Skont l-Artikolu 80 ta' din l-istess konvenzjoni, intitolat "Gżejjer artifiċjali, stallazzjonijiet u strutturi fis-sikka kontinentali":

"L-Artikolu 60 japplika *mutatis mutandis* għal gżejjer artifiċjali, stallazzjonijiet u strutturi fis-sikka kontinentali."

*Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni*

6 L-Artikolu 13 tar-Regolament Nru 1408/71, intitolat "Regoli ġenerali", jipprovdi:

"1. Bla ħsara għall-Artikoli 14ċ u 14f, persuni li għalihom japplika dan ir-Regolament għandhom ikunu soġġetti għall-liġijiet ta' Stat Membru wieħed biss. Dawk il-liġijiet għandhom jiġu stabbiliti skond id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu.

2. Suġġetti għall-Artikoli 14 sa 17:

a) persuna impjegata fit-territorju ta' Stat Membru wieħed tkun suġġetta għal-leġislazzjoni ta' dak l-Istat anke jekk [t]kun [t]abita fit-territorju ta' Stat Membru ieħor jew jekk l-uffiċċju reġistrat inkella post tan-negozju ta' l-impriża jew ta' l-individwu li jimpjegah[a] huwa stabbilit fit-territorju ta' Stat Membru ieħor;

[...]"

*Il-leġiżlazzjoni nazzjonali*

7 Skont l-Artikolu 3 tal-liġi dwar l-assigurazzjoni għall-mard, (Ziektewet, iktar 'il quddiem, iz-"ZW"):

"1. Il-ħaddiem impjegat huwa l-persuna fiżika li tkun għadha ma laħqitx l-età ta' 65 sena, li tkun impjegata abbażi ta' relazzjoni ta' dritt privat jew ta' dritt pubbliku.

2. Il-persuna li l-impjieg tagħha jitwettaq barra mill-Pajjiżi l-Baxxi ma hijiex ikkunsidrata bħala ħaddiem impjegat, sakemm hija ma tirrisjedix fil-Pajjiżi l-Baxxi u sakemm min iħaddimha wkoll ma jirrisjedix jew ma jkunx stabbilit fil-Pajjiżi l-Baxxi."

8 Il-liġi dwar ix-xogħol u d-dħul skont il-kapaċità tax-xogħol (Wet werk en inkomen naar arbeidsvermogen, iktar 'il quddiem il-"WIA"), li daħħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2006, tipprovdi fl-Artikolu 7(1) tagħha li "il-ħaddiem impjegat għandu jkollu assigurazzjoni obbligatorja".

9 Skont l-Artikolu 8(1) tal-WIA, "il-ħaddiem impjegat fis-sens taz-[ZW], bl-eċċezzjoni ta' dak li għandu l-istatus tal-Artikolu 4(1)(g) tal-imsemmija liġi, huwa kkunsidrat bħala ħaddiem impjegat fis-sens tal-liġi preżenti".

10 Mill-Artikolu 18(1) u (2) tal-WIA jirriżulta li l-assigurazzjoni volontarja hija disponibbli għall-persuna, li ma tkunx għadha laħqet l-età ta' 65 sena, li ma hijiex ikkunsidrata bħala ħaddiem impjegat fis-sens tal-Artikolu 3(2) u (5) taz-ZW, u li l-assigurazzjoni obbligatorja tagħha tkun spiċċat, li tirrisjedi barra mill-Pajjiżi l-Baxxi u li, eżattament wara t-tmiem tal-assigurazzjoni obbligatorja, tkun marbuta b'kuntratt tax-xogħol ta' żmien massimu ta' ħames snin ma' persuna li timpjega li tirrisjedi jew li hija stabblilita fil-Pajjiżi l-Baxxi.

11 Skont l-Artikolu 47(1) tal-WIA, il-persuna assigurata li timrad għandha dritt għall-allowance ta' inkapaċità għax-xogħol jekk it-terminu ta' stennija jkun skada, l-inkapaċità għax-xogħol tkun totali u għal żmien twil, u l-ebda raġuni għal esklużjoni ma tapplika għaliha.

12 Skont l-Artikolu 3 tal-liġi dwar dwar ix-xogħol ta' tħaffir fil-baħar tan-Tramuntana (Wet arbeid mijnbouw Noordzee):

"1. Dan l-artikolu japplika għall-ħaddiema li la huma assigurati taħt iz-[ZW] u lanqas minn ebda sistema legali korrispondenti ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, u li l-kuntratt tax-xogħol tagħhom huwa rregolat mil-leġiżlazzjoni Olandiża dwar il-kuntratti tax-xogħol, jew għall-inqas id-dispożizzjonijiet vinkolanti.

2. Il-ħaddiem li, minħabba xi mard, ma jkunx f'pożizzjoni li jwettaq ix-xogħol miftiehem għandu dritt għar-remunerazzjoni prevista fl-Artikolu 629(1) tal-Ktieb 7 tal-Kodiċi Civili matul 104 ġimgħat, anki jekk il-kuntratt ta' xogħol tiegħu jkun intemm matul dan il-perijodu."

**Il-fatti tal-kawża prinċipali u d-domanda prinċipali**

13 A. Salemink, ċittadin Olandiż, ħadem sa mill-1996 bħala infermier u parzjalment bħala radjografu fuq pjattaforma għall-estrazzjoni tal-gass tal-kumpannija Olandiża Aardolie Maatschappij. Il-pjattaforma inkwistjoni tinsab barra mill-ibħra territorjali Olandiżi, fuq is-sikka kontinentali maġenb il-Pajjiżi l-Baxxi, madwar 80 kilometru 'l bogħod mill-kosta Olandiża.

14 Fl-10 ta' Settembru 2004, A. Salemink ittrasferixxa r-residenza tiegħu fi Spanja.

15 Qabel ma telaq għal Spanja, A. Salemink kien assigurat b'mod obbligatorju skont iz-ZW, li l-Artikolu 3(2) tagħha jipprovdi li l-persuna li l-impjieg tagħha jitwettaq barra mill-Pajjiżi l-Baxxi ma hijiex ikkunsidrata bħala ħaddiem impjegat, sakemm hija ma tirrisjedix fil-Pajjiżi l-Baxxi u sakemm min iħaddimha wkoll ma jirrisjedix jew ma jkunx stabbilit f'dan l-Istat Membru.

16 Minn meta mar joqgħod fi Spanja, A. Salemink ma baqax jissodisfa l-kundizzjoni ta' residenza prevista fl-imsemmi Artikolu 3(2) u, konsegwentement, ġie eskluż mill-assigurazzjoni obbligatorja, b'mod partikolari, għall-inkapaċità għax-xogħol.

17 Mill-4 ta' Ottubru 2004, A. Salemink ġie aċċettat għall-assigurazzjoni volontarja li, madankollu, intemmet sussegwentement minħabba nuqqas ta' ħlas tal-kontribuzzjonijiet. It-tentattivi ulterjuri ta' A. Salemink matul is-sena 2006 sabiex jiġi aċċettat għall-assigurazzjoni volontarja, fallew minħabba li dan il-pass sar tard wisq.

18 Wara li ddikjara li kien marid, fl-24 ta' Ottubru 2006, A. Salemink talab, fil-11 ta' Settembru 2007, allowance ta' inkapaċità għax-xogħol skont il-WIA, sa mill-24 ta' Ottubru 2008.

19 Din it-talba ġiet irrifjutata mill-Uitvoeringsinstituut werknemersverzekeringen (l-Istitut li jamministra l-assigurazzjoni għall-impjegati, iktar 'il quddiem l-"UWV") minħabba li fid-data ta' meta bdiet l-inkapaċità għax-xogħol, jiġifieri fl-24 ta' Ottubru 2006, A. Salemink ma kienx assigurat b'mod obbligatorju. Peress li A. Salemink kien ilu jirrisjedi barra mill-Pajjiżi l-Baxxi mill-10 ta' Settembru 2004, l-UWV qies li ma kienx għadu assigurat b'mod obbligatorju sa minn din id-data.

20 Quddiem ir-Rechtbank Amsterdam, A. Salemink sostna li kien f'pożizzjoni li jibbenefika minn allowance ta' inkapaċità għax-xogħol fuq il-bażi tar-Regolament Nru 1408/71 li, fil-fehma tiegħu, japplika fuq is-sikka kontinentali maġenb il-Pajjiżi l-Baxxi, li kellha titqies bħala li tagħmel parti mit-territorju Olandiż.

21 F'dan ir-rigward, huwa invoka l-politika mħaddna mis-Sociale Verzekeringsbank (Bank ta' assigurazzjonijiet soċjali, iktar 'il quddiem is-"SVB") mill-1 ta' Jannar 2006, li hija ispirata mis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-29 ta' Ġunju 1994, Aldewereld (C-60/93, Ġabra p. I-2991) u li tikkunsidra lill-ħaddiema impjegati li jaħdmu fuq is-sikka kontinentali maġenb il-Pajjiżi l-Baxxi bħala assigurati taħt is-sigurtà soċjali Olandiża.

22 Il-qorti tar-rinviju tiddeskrivi din il-politika kif ġej:

"Is-SVB jitlaq mill-prinċipju li t-Titolu II tar-Regolament [Nru 1408/71] japplika jekk il-ħaddiem impjegat jirrisjedi fit-territorju tal-Komunità iżda jaħdem, barra minn dan it-territorju, għal persuna li tħaddmu li hija stabbilita fil-Komunità. F'dan ir-rigward, is-SVB joħroġ mill-[motivi tas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Lulju 1984,] Prodest [, 237/83, Ġabra p. 3153] u Aldewereld [, iċċitata iktar 'il fuq,] il-kundizzjoni li l-ħaddiem impjegat għandu jkun assigurat, immedjatament qabel ma jaħdem barra mill-Komunità, fl-Istat Membru fejn huwa stabbilit min iħaddmu jew ikun assigurat fuq il-bażi tal-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' dan l-Istat Membru meta jaħdem barra mill-Komunità. Jekk waħda minn dawn il-kundizzjonijiet hija sodisfatta, is-SVB iqis li hija l-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru ta' min iħaddem li hija applikabbli matul il-perijodu ta' xogħol barra mill-Komunità. [traduzzjoni mhux uffiċjali]"

23 L-UWV qies li, wara li A. Salemink mar joqgħod fi Spanja, huwa ma baqax jissodisfa l-kundizzjonijiet għall-affiljazzjoni fl-assigurazzjoni obbligatorja.

24 Il-qorti tar-rinviju tesprimi d-dubji tagħha dwar jekk l-applikabbiltà tar-Regolament Nru 1408/71 testendix għas-sikka kontinentali inkwistjoni. Hija tistaqsi jekk hemmx lok li ssir distinzjoni bejn, minn naħa, it-territorju li fih Stat Membru huwa sovran u, min-naħa l-oħra, it-territorju li fih huwa awtorizzat jeżerċita drittijiet sovrani limitati iżda fejn huwa wkoll intitolat li ma jeżerċitahomx — bħalma għamel, fil-fehma tal-qorti tar-rinviju, l-Istat Olandiż għal dak li jikkonċerna l-leġiżlazzjoni tas-sigurtà soċjali fuq is-sikka kontinentali. Għaldaqstant tqum il-kwistjoni jekk Stat Membru huwiex intitolat jittratta b'mod differenti, fil-limitu tal-ġurisdizzjoni funzjonali li jeżerċita fuq is-sikka kontinentali, l-impjegati li jaħdmu fuqha u dawk li jaħdmu fit-territorju ta' dan l-Istat.

25 Il-qorti tar-rinviju taċċetta li r-rifjut tal-UWV jista' jkun inkompatibbli mal-prinċipju ta' moviment liberu tal-ħaddiema, fid-dawl tal-fatt li A. Salemink tilef vantaġġ li kien jibbenefika minnu meta kien jirrisjedi fil-Pajjiżi l-Baxxi. Madankollu, hija tistaqsi jekk din l-inkompatibbiltà tistax tiġi mmitigata mill-fatt li A. Salemink kien f'pożizzjoni li jassigura ruħu b'mod volontarju u li huwa għamel użu minn din il-possibbiltà.

26 Fl-aħħar nett, il-qorti tar-rinviju tosserva li l-kundizzjoni ta' residenza stabbilita fl-Artikolu 3(2) taz-ZW hija kriterju problematiku inkwantu tista' twassal għal diskriminazzjoni minħabba ċittadinanza.

27 F’dawn iċ-ċirkustanzi, ir-Rechtbank te Amsterdam iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u tressaq lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

“Ir-regoli tad-dritt Komunitarju Ewropew li għandhom l-għan li jistabbilixxu l-moviment liberu tal-ħaddiema, u b’mod partikolari r-regoli msemmija fit-Titoli I u II tar-Regolament Nru 1408/71, kif ukoll l-Artikoli 39 KE u 299 KE [...] jipprekludu li persuna impjegata li teżerċita l-attivitajiet professjonali tagħha barra mit-territorju Olandiż f’impjant fiss li jinsab fuq il-blata [sikka] kontinentali maġenb il-Pajjiżi l-Baxxi, għal persuna li timpjega stabbilita fil-Pajjiżi l-Baxxi, ma tkunx assigurata skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali ta’ assigurazzjoni soċjali, għar-raġuni biss li din il-persuna ma tirrisjedix fil-Pajjiżi l-Baxxi, iżda fi Stat Membru ieħor (f’dan il-każ, Spanja), anki jekk għandha nazzjonalità Olandiża u anki jekk għandha l-possibbiltà li tassigura ruħha volontarjament b’kundizzjonijiet essenzjalment identiċi għal dawk tal-assigurazzjoni mandatorja?”

## Fuq id-domanda preliminari

28 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinvju essenzjalment tistaqsi jekk id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1408/71 u l-Artikolu 39 KE għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu li ħaddiem, li jeżerċita l-attivitajiet professjonali tiegħu fuq installazzjoni fissa li tinsab fuq is-sikka kontinentali maġenb Stat Membru ma jkunx assigurat b’mod obbligatorju f’dan l-Istat Membru taħt il-leġiżlazzjoni nazzjonali ta’ assigurazzjoni soċjali sempliċement minħabba li ma jirrisjedix f’dan l-Istat iżda fi Stat Membru ieħor.

29 F’dan ir-rigward għandu jitfakkar li skont l-Artikolu 13(2)(a) tar-Regolament Nru 1408/71 il-persuna li teżerċita impjieg fit-territorju ta’ Stat Membru hija suġġetta għal-leġiżlazzjoni ta’ dan l-Istat, anki jekk hija tkun tirrisjedi fit-territorju ta’ Stat Membru ieħor.

30 Madankollu, l-applikabbiltà tal-imsemmi Artikolu 13(2)(a) kif ukoll tad-dritt tal-Unjoni inġenerali hija, f’kawża bħal dik prinċipali, ikkontestata kemm mill-Gvern Olandiż kif ukoll mill-UWV sa fejn l-attività professjonali inkwistjoni hija eżerċitata fuq pjattaforma għall-estrazzjoni tal-gass li tinsab fuq is-sikka kontinentali maġenb il-Pajjiżi l-Baxxi, barra mill-ibħra territorjali Olandiżi. Il-Gvern Olandiż u l-UWV sostnew, f’dan ir-rigward, li l-portata territorjali tar-Regolament Nru 1408/71 hija limitata biss għat-territorju nazzjonali. Il-qorti tar-rinviju għandha dubji wkoll dwar l-applikabbiltà tad-dritt tal-Unjoni għas-sikka kontinentali inkwistjoni.

31 F’dan ir-rigward, huwa importanti li jsir riferiment għar-regoli u għall-prinċipji tad-dritt internazzjonali dwar is-sistema legali tas-sikka kontinentali.

32 Fil-kawża tagħha tal-20 ta’ Frar 1969 (il-kawżi msejħa “tas-sikka kontinentali tal-Baħar tat-Tramuntana”, *Ġabra tas-sentenzi, opinjonijiet konsultattivi u digrieti*, 1969, p. 3, punt 19), il-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja kellha tiddeċiedi dwar id-drittijiet tal-Istati kostali fuq is-sikka kontinentali li tikkostitwixxi estensjoni naturali tat-territorju tiegħu taħt il-baħar. Hija ddeċidiet li l-imsemmija drittijiet jeżistu *ipso facto* u *ab initio* bis-saħħa tas-sovrantià tal-Istat fuq dan it-territorju u b’estensjoni ta’ din is-sovranità fl-għamla tal-eżerċizzju ta’ drittijiet sovrani għall-finijiet tal-esplorazzjoni ta’ qiegħ il-baħar u l-isfruttament tar-riżorsi naturali tiegħu.

33 Mill-Artikolu 77 tal-Konvenzjoni dwar il-Liġi tal-Baħar jirriżulta li l-Istat kostali jeżerċita drittijiet sovrani fuq is-sikka kontinentali għall-finijiet tal-esplorazzjoni tagħha u tal-isfruttament tar-riżorsi naturali tagħha. Dawn id-drittijiet huma esklużivi fis-sens li jekk l-Istat kostali ma jesplorax is-sikka kontinentali jew ma jisfruttax ir-riżorsi naturali tagħha, ħadd ma jista’ jagħmel dan mingħajr il-kunsens espliċitu tiegħu.

34 Għal dak li jirrigwarda l-gżejjer artifiċjali, l-installazzjonijiet u l-istrutturi li jinsabu fuq is-sikka kontinentali, skont l-Artikolu 80 tal-Konvenzjoni dwar il-Liġi tal-Baħar, moqri flimkien mal-Artikolu 60 ta' din l-istess konvenzjoni, l-Istat kostali għandu d-dritt esklużiv li jibni kif ukoll li jawtorizza u jirregola l-bini, l-esplorazzjoni u l-użu tagħhom. L-Istat kostali għandu ġurisdizzjoni esklużiva fuq dawn il-gżejjer artifiċjali, dawn l-installazzjonijiet u dawn l-istrutturi.

35 Peress li s-sikka kontinentali maġenb Stat Membru taqa' taħt is-sovranità tiegħu, minkejja li funzjonali u limitata (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-29 ta' Marzu 2007, Aktiebolaget NN, C-111/05, Ġabra p. I-2697, punt 59), impjieg imwettaq fuq installazzjonijiet fissi jew li jżommu fuq wiċċ l-ilma li jinsabu fuq l-imsemmija sikka kontinentali, fil-kuntest tal-attivitajiet ta' esplorazzjoni u/jew sfruttament tar-riżorsi naturali, għandu jitqies, għall-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, bħala mwettaq fit-territorju tal-imsemmi Stat (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-27 ta' Frar 2002, Weber, C-37/00, Ġabra p. I-2013, punt 36, u tal-20 ta' Ottubru 2005, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit, C-6/04, Ġabra. p. I-9017, punt 117).

36 L-Istat Membru li jieħu profitt mill-prerogattivi ekonomiċi ta' esplorazzjoni u/jew sfruttament tar-riżorsi eżerċitati fuq il-parti tas-sikka kontinentali li tinsab maġenbu ma jistax, għaldaqstant, jevita l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni intiżi sabiex jiggarantixxu l-moviment liberu tal-ħaddiema li jeżerċitaw l-attività professjonali tagħhom fuq tali installazzjonijiet.

37 Peress li l-applikabbiltà tad-dritt tal-Unjoni u, b'mod iktar partikolari, tar-Regolament Nru 1408/71 għas-sikka kontinentali maġenb Stat Membru hija stabbilita, għandu jiġi eżaminat jekk l-imsemmi regolament u d-dispożizzjonijiet tat-Trattat KE dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema jipprekludux li persuna fis-sitwazzjoni ta' A. Salemink tiġi eskluża mill-iskema ta' assigurazzjoni obbligatorja wara t-trasferiment tar-residenza tagħha lejn Spanja.

38 F'dan ir-rigward għandu jiġi enfasizzat li l-Artikolu 13(2)(a) tar-Regolament Nru 1408/71 għandu l-uniku għan li jiddetermina liema leġiżlazzjoni nazzjonali tapplika għall-persuni li jeżerċitaw impjieg fit-territorju ta' Stat Membru. Bħala tali, dawn id-dispożizzjonijiet ma għandomx l-għan li jiddeterminaw il-kundizzjonijiet tal-eżistenza tad-dritt jew tal-obbligu ta' affiljazzjoni fi skema ta' sigurtà soċjali jew fi kwalunkwe fergħa partikolari tal-istess skema. Hekk kif il-Qorti tal-Ġustizzja indikat diversi drabi fil-ġurisprudenza tagħha, huwa l-kompitu tal-leġiżlazzjoni ta' kull Stat Membru li tiddetermina dawn il-kundizzjonijiet (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-23 ta' Settembru 1982, Koks, 275/81, Ġabra p. 3013, u tas-7 ta' Lulju 2005, van Pommeren-Bourgondiën, C-227/03, Ġabra p. I-6101, punt 33).

39 Madankollu, għalkemm l-Istati Membri jżommu l-kompetenza tagħhom sabiex jorganizzaw il-kundizzjonijiet għall-affiljazzjoni fis-sistemi tagħhom tas-sigurtà soċjali huma għandhom, minkejja dan, fl-eżerċizzju ta' din il-kompetenza, jirrispettaw id-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, id-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-3 ta' Mejju 1990, Kits van Heijningen, C-2/89, Ġabra p. I-1755, punt 20, u tat-23 ta' Novembru 2000, Elsen, C-135/99, Ġabra p. I-10409, punt 33).

40 Konsegwentement, minn naħa, dawn il-kundizzjonijiet ma jistgħux jirriżultaw fl-esklużjoni mill-kamp ta' applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-persuni li, skont ir-Regolament Nru 1408/71 din l-istess leġiżlazzjoni tapplika għalihom u, min-naħa l-oħra, l-iskemi ta' affiljazzjoni fl-assigurazzjonijiet obbligatorji għandhom ikunu kompatibbli mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 39 KE (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq, Kits van Heijningen, punt 20 u van Pommeren-Bourgondiën, punt 39).

41 L-Artikolu 12(2)(a) tar-Regolament Nru 1408/71 jipprovdi espressament li l-persuna li teżerċita impjieg fit-territorju ta' Stat Membru hija suġġetta għal-leġiżlazzjoni ta' dan l-Istat "anke jekk [t]kun [t]abita fit-territorju ta' Stat Membru ieħor". Din id-dispożizzjoni ma tkunx osservata jekk il-kundizzjoni ta' residenza, imposta mil-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu huwa eżerċitat l-impjieg sabiex tiġi aċċettata fl-iskema tal-assigurazzjoni obbligatorja li hija tipprovdi, setgħet tiġi invokata

mill-persuni msemmija fl-Artikolu 13(2)(a). Għal dak li jikkonċerna lil dawn il-persuni, din id-dispożizzjoni għandha l-effett li tissostitwixxi l-kundizzjoni ta' residenza b'kundizzjoni bbażata fuq l-eżerċizzju ta' impjieg fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat (ara s-sentenza Kits van Heijningen, iċċitata iktar 'il fuq, punt 21).

42 Għaldaqstant, tmur kontra l-Arikolu 13(2)(a) tar-Regolament Nru 1408/71 leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprovdi li huwa abbażi tal-kriterju ta' residenza li ħaddiem, li jeżerċita l-attività tiegħu fuq pjattaforma għall-estrazzjoni tal-gass li tinsab fuq is-sikka kontinentali maġenb Stat Membru, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jkun jista' jibbenefika minn assigurazzjoni obbligatorja f'dan l-istess Stat jew le.

43 Barra minn hekk, għandu jiġi kkonstatat li tali leġiżlazzjoni nazzjonali tpoġġi lil ħaddiema li ma humiex residenti, bħal A. Salemink, f'sitwazzjoni inqas favorevoli minn dik tar-residenti f'dak li jirrigwarda s-sigurtà soċjali fil-Pajjiżi l-Baxxi u, minħabba f'dan, tippreġudika l-prinċipju ta' moviment liberu ggarantit mill-Artikolu 39 KE.

44 Minkejja li fil-punt 40 tas-sentenza van Pommeren-Bourgondiën, iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja ma eskluditx li l-kundizzjoni ta' residenza sabiex tkun tista' titkompla l-affiljazzjoni obbligatorja ma' ċerti friegħi tas-sigurtà soċjali tista' tkun inkompatibbli mal-Artikolu 39 KE, il-possibbiltà li għandu A. Salemink li jieħu assigurazzjoni volontarja ma tinvalidax il-konstatazzjoni magħmula fil-punt 43 tas-sentenza preżenti. Fil-fatt, il-passi li l-ħaddiema, li ma humiex residenti u li jixtiequ jkunu assigurati b'mod volontarju, għandhom jieħdu bl-inizjattiva tagħhom stess, kif ukoll ir-restrizzjonijiet assoċjati ma' assigurazzjoni ta' dan it-tip, bħall-osservanza tat-termini sabiex tiġi ppreżentata applikazzjoni għal assigurazzjoni, jikkostitwixxu elementi li jpoġġu ħaddiema, li ma humiex residenti, li għandhom biss il-possibbiltà ta' assigurazzjoni volontarja, f'sitwazzjoni inqas favorevoli meta mqabbla mar-residenti, li huma koperti minn assigurazzjoni obbligatorja.

45 Konsegwentement, ir-risposta għad-domanda magħmula għandha tkun li l-Artikolu 13(2)(a) tar-Regolament Nru 1408/71 u l-Artikolu 39 KE għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu li ħaddiem, li jeżerċita l-attivitajiet professjonali tiegħu fuq installazzjoni fissa li tinsab fuq is-sikka kontinentali maġenb Stat Membru ma jkunx assigurat b'mod obbligatorju f'dan l-Istat Membru taħt il-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' assigurazzjoni soċjali, sempliċement minħabba li ma jirrisjedix f'dan l-Istat iżda fi Stat Membru ieħor.

## Fuq l-ispejjeż

46 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

**L-Artikolu 13(2)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71, tal-14 ta' Ġunju 1971, dwar l-applikazzjoni tal-skemi tas-Sigurtà Soċjali għal persuni impjegati, għal persuni li jaħdmu għal rashom u għal membri tal-familji tagħhom li jiċċaqilqu fi ħdan il-Komunità, fil-verżjoni emendata tiegħu u aġġornata bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 118/97, tat-2 ta' Diċembru 1996, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1606/98, tad-29 ta' Ġunju 1998 u l-Artikolu 39 KE, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu li ħaddiem, li jeżerċita l-attivitajiet professjonali tiegħu fuq installazzjoni fissa li tinsab fuq is-sikka kontinentali maġenb Stat Membru ma jkunx assigurat b'mod obbligatorju f'dan l-Istat Membru taħt il-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' assigurazzjoni soċjali, sempliċement minħabba li ma jirrisjedix f'dan l-Istat iżda fi Stat Membru ieħor.**

Firem